MALTA

# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
# BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

## MAĠISTRAT DR.
## ANTONIO MIZZI

Seduta tas-7 ta' Lulju, 2003

Il-Pulizija
(Sp Angelo Caruana)
vs
Mario Lia, iben Rafael, imwieled
Pieta' fit-8 ta' diċembru, 1960
u
Chris Cassar, iben Carmelo,
imwieled Pieta' fit-30 ta'
ġunju, 1972

Il-Qorti,
Rat l-akkuża kontra l-imputat talli f'tas-Sliema fl-4 ta' ottubru, 1998 għal ħabta
tas-6.00 p.m. flimkien ma persuna oħra bil-ħsieb li jikkomettu reat ta' serq ta' mutur tat-tip Typhoon, bin-numru tar-reġistrazzjoni GAK 102, urew dan il-ħsieb b'atti esterni u taw bidu għal esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt

ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volonta' tagħhom, liema tentattiv ta' serq li kieku seħħ kien ikun ikkwalifikat bil-vjolenza numerika, bil-valur, bil-ħin u bix-xorta tal-ħaġa misruqa u li sar għad-dannu ta' Ivan Zammit.
Lil Chris Cassar –
Talli sar reċidiv b'sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tat-28 ta' mejju, 2001 liema sentenza saret definittiva u ma tistax tiġi mibdula.

Rat il-verbal tas-seduta tas-7 ta' lulju, 2003 fejn l-imputati ammettew l-akkuża miġjuba kontra tagħhom.

Rat il-fatt li l-akkuża tar-reċidiva kontra l-imputat Chris Cassar ma tistax tissusisti billi d-data tas-sentenza ġiet wara l-akkuża odjerna.

Għaldaqstant, ma ssibx lill-imputat Chris Cassar ħati tal-akkuża ta' reċidiva u għalhekk tilliberah mill-istess akkuża. Issib lill-imputati ħatja tal-akkuża miġjuba kontra tagħhom. Rat l-artikoli 41, 261(a)(ċ)(f)(g), 262(1)(b), 267, 270, 271(g) u 276 tal-Kodiċi Kriminali.  Ma tikkundannhomx għal piena karċerarja iżda tilliberhom taħt il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta bil-kondizzjoni li ma jagħmlux reat ieħor fi żmien sena mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------